IR-RABA' KTIEB TAL-HMISTAX-IL SENA

DIĊEMBRU 1939

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Jalla l-Kotra u l-Ġabra — Nhar l-Għoti tal-Kostituzzjoni (Innu) (Dun Karm) — Is-saħħar Manfrè (M.D.) — Kennies (Dun Karm) — L-aħħar nisel ta' l-Abenserraġi (S) — Dak in-nhar (Ġ. Chetcuti) — Is-sabiħ u l-ikraħ (Erin Serracino-Inglott) — Iż-żewġ Kokki (Mic-Dek) — Lill-Ħabib tiegħi Pi...Di... (D K.) — Il-Għanja tal-Lsien Malti (D.K.) — Għajdut Malti — Kotba ġodda.

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IR-RABA' KTIEB TA' L-1939

## JALLA L-KOTRA U L-ĠABRA

In-Natura xejn ma tagħmel bil-għaġla. Mid-dlam ta' bil-lejl għad-dija ta' bin-nhar tgħaddi ħelu ħelu li wieħed bil-kemm jintebaħ: id-dalma tikser fil-bjuda ġahra tat-tbexbix; dan jikser ħelu ħelu fil-ħmura taż-żerniq; dan fid-dawl tas-sebħ, u dan fid-dija tan-nhar.

Hekk mis-sajf għax-xitwa u mix-xitwa għas-sajf: bejn il-waħda u l-oħra jidħlu għal xejn għal xejn minn banda l-ħarifa u minn l-oħra r-rebbiegħa.

U dak li jsir fin-natura siekta, isir ukoll fin-natura ħajja. Iż-żerriegħa, biex issir siġra, jeħtiġilha tgħaddi mit-taraġ kollu tal-ħajja veġetali. Il-bidwi, għaqli, jix-ħetha fl-art; l-art, bħal omm ħanina, tilqagħha, tgħannaqha, issaħħanha, tniddiha; u ż-żerriegħa, ngħidu hekk, tonqob, ixxenxel, u titfa' xenxul 'l isfel, li jkun il-għerq, u xenxul il fuq li jkun in-nebbieta: u dawn iż-żewġ xniexel, jew rimjiet, taħt iż-żgħila tan-nida u taħt il-bewsa tax-xemx jissoktaw jikbru, iżda hekk qajl qajl, li l-ebda għajn, għalkemm għarriexa, ma tista' tilmaħ il-ftuħ tagħha. Iżda, b'dana kollu, ir-rimi jitwal, jok-tor fil-weraq, jimla, iraħħas, jiżhar; u, meta tiġi new-bitha, is-siġra tgħallel... u l-frott jinqata'.

* * *

U hekk sar fil-għalqa tagħna. Fl 1911 aħna tfajna daqsxejn ta' żerriegħa — iż-żerriegħa tal-Lsien Malti. — Il-għalqa ma kinetx kbira u l-ħaddiema kienu ftit. Barra minn dan, l-art kienet ġeblija, u għal kull xiber trab, kellha qasba xagħri; għalhekk; għalkemm is-siġra kienet li minnha tmidd u tixxeblek, ma setgħetx tifrex fil-bogħod l-egħruq tagħha. Zid ma' dan illi l-istaġun kien aħrax u qalil, u jekk 'lhawn u 'lhinn kienet tfejjed xi siegħa xemx, malajr kien jinqala' sħab oħxon li jgħajjeb is-sema u jdellel l-art: u r-riħ kien kiesaħ u bosta drabi filgħodu kienet tisbaħ il-ġlata.

Anqas dan ma kien kollox: id-dud—friefet, ġradi, kola, bebbux, busuf, akiereb u x'nafu aħna kemm oħrajn—kien hemm jirgħa, lest biex igerrem, jiġrod, inittef, malli tinbet xi werqa ħadra u jħarbatha, jekk wieħed ma jkunx b'seba' għajnejn biex iħarisha minn dawk l-egħdewwa.

Kien kif kien, iż-żerriegħa ntefgħet, u bis-sabar u bil-għaqal ta' min tefagħha, nibtet u qajla qajla bdiet tikber ġmielha u nisslet ukoll tama li xi darba wieħed jaraha tiżhar, timla u ssajjar.

* * *

U għaddew għaxar snin, u dik li kienet żerriegħa saret xitla, u billi r-raba' ta' madwarha bil-ħeġġa u bix-xogħol tal-ħaddiema tjieb xi ftit u naqas ukoll ix-xagħri, bdiet tmidd l-egħruq aħjar u tissaħħaħ iżjed.

U sar ftehim għaqli bejn il-ħaddiema, u x-xogħol tqassam u tqiegħed fuq sisien tajba: min ħa f'idejh il-ħidma ta' l-art, biex bis-saqi u bl-inqix iżommilha dejjem it-tira; min ħa ż-żabra u t-tilqim; min ħa l-irmindar, jiġifieri t-tneħħija ta' weraq niexef u ta' xi fergħa

bagħlija; min il-ħsieb tad-dakra, min il-qirda tad-dud, u min il-ħars ta' l-egħjun, tar-rimi u tal-ward li kien diġà beda jidher. Fis-sena 1925 deher xi frott li għalkemm ħadrani, kien f'saħħtu; u x-xitla bdiet tiftaħ iżjed fil-frieghi, tisbieħ f'xuxitha u kull sena tistagħna iżjed fil-frott.

Illum dik li kienet żerriegħa fl-1911 u xitla fl-1925, saret siġra sabiħa, qawwija, u l-frott li qiegħda tagħti hu frott li jħabbatha ma' ta' pajjiżi oħra li għandhom ilsien għani u maħdum bil-għaqal.

B'kollox għaddew tmienja-u-għoxrin sena; iżda bħalma għidna, in-natura ma tagħmel xejn bil-għaġla.

Ikun issa dmir u għaqal ta' Professur fl-Università li juri l-ġmiel kollu u l-benna kollha ta' dan il-frott li ġiebet u li qiegħda kuljum iġġib dik iż-żerriegħa tal-Lsien Malti li ntefgħet fil-għalqa ta' "Il-Habib", fl-1911, minn erba' ħaddiema ta' qalb kbira u ta' fehma ta' l-azzar.

U jalla l-Kotra u l-Ġabra.

## 1921

*Lil Ħuti l-Maltin*
*Nhar l-Għoti tal-Kostituzzjoni* *

Qum mill-ħedla li 'l qalbek mewtitlek
Ġens ta' ħila, ta' għaqal, ta' ġieħ;
Poplu Malti, x-xemx telgħet, sejħitlek;
Aqbad triqtek lejn xefaq sabiħ.

Ma tħosshiex ġewwa sidrek il-mewġa
Ta' demm ġdid li f'saħħitha ssaffik?
Ma tħosshiex tilgħab f'wiċċek il-fewġa
Tal-Ħelsien li ħajja oħra tagħtik?

Dan hu l-jum u din is-siegħa:
Issir l-għaqda, jsir il-patt:
'K ma taqbdux fil-ħarba tiegħu,
Dan iż-żmien ma jarġa' qatt.

Kisser l-għodda tal-għira ġellieda,
Iftaħ qalbek għall-kelma tas-sliem:
Għalenija, m'hemmx ifrem mir-rieda,
Iżda mqassma, tintilef fil-kliem.

Għandek mera fil-ljuni qalbiena
Illi tqabdu mal-Mislem magħdub:
Kienu ftit, u kien għadu bla ħniena,
Iżda rebħu bil-għaqda tal-qlub.

Dan hu l-jum, eċċ.

Ta' ġrajjietek il-mixja rebbieħa
Qatt la tikser, taħt l-ebda nirien:
Ward u Ġilju l-Bandiera sabieħa
Illi s-Sema ħatarlek fiż-żmien.

Irfes, kisser kull wegħda qarrieqa;
Dak il-Ward dak il-Ġilju tibdlux:
Inti ġawhra fuq l-isbaħ ħannieqa;
Fl-Isem t'Alla, l-Jedd tiegħek tiċħdux.

Dan hu l-jum, eċċ.

DUN KARM.

* Dan l-innu kellu jiġi mqiegħed fil-mużika għal dik il-ħabta. Il-mużika ma saretx u l-innu baqa' u ma deherx. Min jaf jekk ikunx jiswa fli ġej?

D. K.

# IS-SAĦĦAR MANFRE

*Il-ħabrieki Dr. Ġwanni Cremona, fost il-karti li ħalla il-kittieb malti F. G. Bonamico—wieħed mill-ewlenin li kiteb bil-Lsien Malti u għaref tassew — sab tagħrif, li sal-lum ħadd ma kien jaf bih, dwar wieħed Malti li bil-praspar tiegħu kien għaġġeb mhux biss nies ta' l-eoda għerf imma kbarat imsemmija fl-Ewropa, kif taqraw iktar il-quddiem. Billi Dr. Cremona kiteb fit-tul u bl-ingliż, aħna hawnhekk sejrin naqilbu fil-qosor il-ġrajjiet li għarrafna bihom fuq dan* "is-Saħħar Malti".

BONAMICO, mela, li kien dar tista' tgħid l-Ewropa kollha xi tliet mitt sena ilu, darba rnexxielu jiltaqa' f'Pariġi ma' Bjaġju Manfrè, Malti bħalu u li fuqu kien jaf xi ħaġa milli kien kiteb wieħed tabib u filosofu kbir tad-Danimarka fi ktieb li kien ħareġ fuqu. Dan l-imbierek ta' Manfrè, li ismu kien ixxerred ma' kullimkien u kien imgħoddi bħala "is-saħħar Malti"—kien ilu nieqes minn Malta fuq ħamsa u tletin sena. Huwa kien twieled il-Birgu, meta kien jaħkem il-Grammastru Wignacourt, jiġifieri fis-sena 1620.

Mill-Birgu kien ġiè joqgħod il-Belt, in-naħa ta' Sant'Jiermu, fejn kien għad għandu xi nies jiġu minnu. Manfrè kien ukoll suldat, u jgħidu li kien tqabad bosta drabi mal-Misilmin u baħħar mhux ftit.

* * *

Huwa ntebaħ li kien jista' jistagħna b'ħaġa tassew tal-għaġeb li tatu n-natura. Kellu l-ħila li jixrob minn ħamsin sa sittin tazza ilma wara xulxin, quddiem kulħadd, imbagħad jiftaħ ħalqu u wara li jkun ħasel it-tazzi ta' sikwit, biex juri li kull ma qed jagħmel huwa minnu u bla qerq, kien jarġa' jimla it-tazzi f'dak l-ilma minn għajn li ħierġa minn ħalqu b'saħħa kbira; mhux biss iżda kien jimla t-tazzi b'inbid, birra u likuri oħra ta' lewn u togħma li ma tistax ixxebbahhom.

Drabi kien jitfa' minn ħalqu bħal tliet egħjun ta' żejt, inbid u ħalib jew likuri oħra, ħlewwiet, żejt-il-ward, ilma żgħar u fwiħat, li bihom kien ixarrab l-imkatar ta' dawk ta' madwaru. Drabi oħra kien jitfa' minn ħalqu boqqa brandy

u biex juri li tassew dak kien brandy, kien ikebbisha. Ġie li xorob barmil sħiħ ilma, u mbagħad joħorġu b'saħħa hekk kbira li jwaqqa' raġel, jew inkella jwaddbu fl-ajru mogħla bniedem. L-imsemmi Bonamico — li kien tgħallem ta' tabib fl-aqwa Universitajjiet ta' l-Ewropa, - għamel kemm sata' biex jara jirnexxilux ifisser skond ix-xjenza dan l-għaġeb hekk kbir: imma kollu għal xejn.

* * *

Bonamico għamel lil Manfrè bosta mistoqsijiet fuq din il-middija tiegħu li xerrdet ismu ma' l-Ewropa kollha— iżda s-"Saħħar" wieġbu li dil-ħaġa kienet fih sa minn twelidu hekk li fl iskola kien ta' sikwit jinbex biha lil sħabu.

Darba fil-Karnival — qal hu — libes ta' tabib u ltaqa' ma' ħabib li talbu xi mediċina għall-marda li kellu. Manfrè beda taparsi jgħid xi kliem bil-latin u ħin bla waqt imlieh b'raxxa fażola.

Mita wasal ħdejn il-Palazz, fejn dak iż-żmien kien igħammar is-Sultan Wignacourt, resaq ħdejh wieħed irsir u qallu li ma jiflaħx iżjed bl-uġigħ ta' dras li kellu u talbu biex iserrħu. Manfrè wara li geżwer xi kliem li ħadd ma fehmu dikment ferragħlu fuq wiċċu, fost l-għaġeb ta' dik il-ġemgħa ta' nies, bħal xmara ta' ilma b'saħħa hekk kbira li waddbu ma' l-art.

Manfrè baqa' miexi u xħin wasal quddiem il-bieb tal-Palazz lemaħ xi Kavalieri: mar fuqhom u xeħtilhom minn ħalqu xita ta' perlini u fwieħat imħallta; daħkana, il-Kavalieri ferħu lis-"Saħħar Malti" għall-ħila tiegħu.

* * *

Fl-aħħar l-Inkisizzjon ħadet ħsiebu u xlietu bħala saħħar, iżda huwa rnexxielu jeħlisha lixxa. Ftit wara, iżda, Manfrè qatel lil wieħed Balì—u kellu jitlaq minn Malta: libes ta' Kavalier u staħba fl-istiva ta' bastiment li kien tielaq għal Sirkuża. Minn hemm tala' Napli, fejn, biex igħix wera x'kien jaf jagħmel: in-Naplitani baqgħu b'ħalqhom miftuħ u laqgħuh b'ferħ kbir.

Iżda hawn ukoll l-Inkisizzjon ħatfitu u bagħtitu Ruma għand il-Papa. Manfrè quddiem il-Papa, li kien Urbanu VIII,

tenna xi logħob minn tiegħu u fiehmu illi fihom xejn ma kienu jidħlu s-sħarijiet u ta' barra minn hawn, iżda kollox kien naturali. Il-Papa saqsa lil wieħed Kardinal, għaref bil-bosta, x'jidhirlu fuq dan il-bniedem — "Ħadd ma jista' jfisser dak li Manfrè kapaċi jagħmel, iżda huwa biss u waħdu: "*Solus sicut sol*" (waħdu bħax-xemx)" wieġeb il-Kardinal.

* * *

Il-Papa tah is-setgħa bil-miktub li jista' jissokta jagħmel dawk l-egħġubijiet mingħajr ħadd ma jista' jkellmu. Minn Ruma Manfrè għadda Firenze fejn il-Gran Duka laqgħu u ħa gost bih: hemm lill-għorrief u lill-istess tabib tal-Gran Duka, Vittorio Rosi, ħawwadhom b'dak li kien jagħmel, u nsibu li dan ta' l-aħħar tkellem fuqu fi ktieb li ħareġ fuq l-egħġubijiet tad-dinja.

Iżda l-Inkiżituri ma ridux iħalluh kwiet u għal tmienja u erbgħin darba ħatfuh taħt idejhom, iżda, kull darba, il-Malti għaraf jeħlisha.

Wara li dar l-Italja kollha Manfrè rħielha għal Franza u qagħad Pariġi. Hemm ġennen lil kulħadd bil-bċejjeċ tiegħu u fi ftit ġranet għaqqad somma ta' flus kbira. L-iktar iżda li jfissdu kien il-kbir Ministru l-Kardinal Richelieu. li tah rigali mhux ftit, għax, kif ġriet ix-xniegħa, Manfrè urieh x'kien is-sigriet tiegħu.

* * *

Minn Franza, "is-saħħar" mar il-Ġermanja, l-Olanda u l-pajjiżi l-oħra fil-qrib. Wara żmien raġa' mar Pariġi, fejn iż-żewweġ u kellu tifel u tifla. Fil-Ġermanja xi wħud riedu jagħmlu bħalu, iżda baqa' f'wiċċhom.

Bonamico ma kitibx kif spiċċa ħajtu Manfrè, iżda dak li hu żgur huwa li l-fama ta' ismu baqgħet tiġġerra ma'l-Ewropa kollha.

M. D.

# KENNIES

Narah kull nhar ta' Ħadd bil-għodda f'idu
jiknes it-triq mill-ħmieġ li hemm jinġabar,
raġel dwar il-ħamsin, ġwejjed u sieber
fil-ħidma tiegħu.

Jiknes u jarġa' jiknes, għax egħdewwa
għandu r-riħ u l-itfal u l-annimali;
iżda tnehida ma toħroġx minn fommu
li tfisser lewma.

Fil-ħin wiċċha daħkan, il-lbies xammiema,
tgħaddi n-nies 'lhawn jew 'lhinn bil-pass imgħaġġel,
min jitħaddet xi frugħa u min jitbissem;
'mma ħadd ma jħares.

U jien narah xi waqt lil dan il-ġwejjed
bil-mod iqiegħed ma' xi ħajt il-għodda,
jorbot dirgħajh fuq sidru u b'ħarstu ħiemda
fuq l-art imsammra,

jieqaf fil-ġenb tat-triq miġbur fi ħsiebu,
donnu xbieha tan-niket: ġewwa sidri
qalbi tingħasar u rrid kieku nobsor
x'għaddej minn moħħu:

u nistħajjel fil-bogħ'd bħal dwejra fqajra
fejn mara twajba u xi xbejbiet madwarha
qegħdin medhija jistennew is-siegħa
li jaraw dieħel

lil dak il-ġwejjed li biex jgħajjex lilhom
jinfired minnhom NHAR TA' ĦADD, u jnaddaf
it-triqat, biex oħrajn jgħaddu minn fuqhom
hienja ma' wliedhom.

Dun Karm.

Wara nofs-in-nhar
tal-Ħadd, 5—XI—39.

# L-aħħar nisel ta' l-Abenserraġi.

*Ben-Ħamet jew l-aħħar nisel tal-Benserraġi hi ġrajja miktuba mill-kittieb franċiż* François René de Chateaubriand, *magħruf għal kitba tiegħu immortali bħal ma hi l-*Genie du Christianisme, les Martyrs, *eċċ. Din hi ġrajja ta' żagħżugħ għarbi, nisel dawk il-Mori li ġew mirbuħa u mkeċċija minn Spanja u mibgħuta lura lejn ix-xtut ta' l-Affrika. Ben-Ħamet ried jitħallas minn min kien qered lil niesu u għal dil-ħaġa raġa' lejn Spanja. Ġara li, bla ma jaf, iltaqa' u ħabb lil bint min kien mar hemmhekk biex jitħallas minnu; iżda l-imġiba ta' dawn in-nies rebħitu u raġa' ħiemed lejn pajjiżu. Inġibu hawn xi bċejjeċ maqluba kelma b'kelma minn din il-ġrajja.* [S]

Imbarka mill-bħajra ta' Tunes; riħ tajjeb wasslu Kartaġni; niżel mill-mirkeb u dikment qabad it-trieq ta' Granada: għadda bħala tabib għarbi li ġie jfittex il-ħxejjex qalb l-iġbla ta' Serra Nevada. Bagħala ġwejda wasslitu bil-lajma l-lajma lejn il-pajjiż fejn l-Abenserraġi, darba, kienu jtiru fuq żwiemel gwerriera: kellu gwida miexi quddiemu, jiġbed urajh żewġ bgħula oħra kollha ġlieġel u freneż tas-suf ta' l-ilwien kollha. Ben-Ħamet qasam il-mogħxiet kbar u l-boskijiet tal-palm tas-saltna ta' Murċja; mill-kobor ta' dawn is-siġar, ra li bil-fors kienu mħawla minn missirijietu, u qalbu mtliet bil-ħasra. Hemm wieqaf torri fejn il-għases kienu jishru fi żmien il-gwerer tal-Mori ma' l-Insara; hawn tidher ħerba li mit-tifsil tal-ġebel tagħha turi nisel moresk; ħaġ'oħra ta' qsim il-qalb għall-Abenserraġ! Niżel minn fuq il-bagħla, u, għal taparsi jfittex il-ħxejjex, inħeba għal ftit qalb dan il-fdal biex jagħtiha għall-biki. Qabad, imbagħad, mill-ġdid it-trieq, joħlom, mal-ħsejjes tal-ġnieġel tal-karwana, u mal-għana ta' swied il-qalb tal-gwida tiegħu. Dan ma kienx jieqaf mill-għanja twila tiegħu jekk mhux biex iħeġġeġ il-bgħula tiegħu jsejħilhom *sbieħ* u *qalbiena* jew, biex iċanfarhom, isejħilhom *għażżiena* u *rjus iebsa*......

Xħin Ben-Ħamet lemaħ il-quċċata ta' l-ewwel bini ta' Granada, qalbu bdiet tħabbat hekk bil-qawwi li kellu jwaqqaf il-bagħla. Sallab idejh fuq sidru, u, b'għajnejh imsammra fuq il-belt imqaddsa, baqa' ħiemed bla ma jitħarrek.

Il-gwida waqaf huwa wkoll, u, billi l-Ispanjol malajr jifhem kull tqanqila għolja tal-qalb, qalbu dehret li ħas-

set, u basar li l-Għarbi kien qiegħed jarġa' jara l-art tiegħu l-qadima. Fl-aħħar l-Abenserraġ tkellem:

"Gwida," qal, "jalla tkun hieni! Taħbilix dak li hu minnu, għax nhar twelidek kien bnazzi u l-qamar qed jimla. Xinhuma dawk it-torrijiet li jiddu bħala kwiekeb fuq dik il-wesgħa kollha ħdura?"

"L-Alhambra," wieġeb il-gwida.

"U dak il-kastell l-ieħor, fuq dik il-għolja l-oħra?" qal Ben-Ħamet.

"Il-Ġeneralif," wieġeb l-Ispanjol. "F'dak il-kastell hemm ġnien mimli riħan fejn iridu jgħidu li lil wieħed Abenserraġ qabduh mas-sultana Alfajma. Iżjed il-bogħod, intix tara lill-Albażin, u, iżjed lejna, it-Torrijiet il-Ħomor?"

Kull kelma tal-gwida kienet taqsam qalb Ben-Ħamet. Kemm hi ħaġa iebsa li jkollok taqa' għal nies barranija biex tagħraf it-tifkirijiet ta' missirijietek, u ġġiegħel igħidulek il-ġrajja ta' niesek u ta' ħbiebek lil nies li xejn ma jħossuha! Il-gwida tajjar il-ħsieb ta' Ben-Ħamet billi qallu: "Nimxu, sur Għarbi; nimxu, hekk Alla ried! Agħmel il-qalb! Franġisku I, mhux forsi illum stess priġunier f'Madrid tagħna? Hekk Alla ried." Neħħa l-kappell, radd radda s-salib u ta daqqa l-bagħla tiegħu. L-Abenserraġ mess huwa wkoll lil tiegħu fil-ħin li għajjat: "Hekk kien miktub." U qabdu niżlin lejn Granada......

*

Wara li dam jiġġerra ħafna bla ma jista' jsib triqtu, Ben-Ħamet sama' bieb jinfetaħ. Ra ħierġa mara żagħżugħa, liebsa bejn wieħed u ieħor bħas-slaten tal-qedem li naraw minquxa fuq il-monumenti ta' l-abaziji l-qodma tagħna. Kurpett iswed bil-glalen tad-deheb, kien jagħfsilha qaddha mislut; id-dublett qasir, dejjaq, bla piegi, kien iħalli jidher pexxun sabiħ u sieq ħelwa: fuq rasha kellha mqiegħed bi ħlewwa kbira mant tal-ħarir, iswed ukoll. u hi b'idha x-xellugija kienet iżżommu msallab u magħluq bħala skufja sa taħt ilħitha hekk li minn wiċċha kollu ma kinux jidhru ħlief għajnejha kbar u ħalqha donnu warda. Mara xwejħa kienet qiegħda timxi magħha; paġġ bil-ktieb tal-knisja kien miexi quddiemha; u żewġ qaddejja mlibbsa bil-lwien tagħha, kienu miexja wara, xi ftit il-bogħod minnha; kienet sejra l-knisja għat-talb ta' fil-għodu, li d-daqq tal-qampiena ta' monasteru fil-qrib kien qiegħed iħabbar.

Ben-Ħamet stħajlu qiegħed jara l-Anġlu Iżraeli, jew in-

kella l-iċken waħda fost il-Ħuri. L-Ispanjola, xejn inqas mistagħġba, baqgħet tħares lejn l-Abenserraġ, li t-turbant, il-libsa u l-armi li kellu fuqu kienu jsebbħu iżjed is-sura nobbli tiegħu. Meta ġiet f'tagħha minn l-ewwel dehxa, b'dik il-ħlewwa u dik il-libertà li għandhom biss in-nies ta' dak il-pajjiż, għamlet sinjal lill-barrani biex jersaq lejha.

"Sur 'Għarbi," qaltlu "milli jidher għadek kif wasalt Granada: jaqaw intlift?"

"Sultana tal-ward," wieġeb Ben-Ħamet, "għaxqet għajnejn ir-rġiel, irsira nisranija, iżjed sabiħa 'mix-xebbiet tal-Ġorġa, qtajtha! jien barrani għal din il-belt; mitluf f'nofs dawn il-palazzi, ma nistax narġa' nsib il-kan tal-Għarab. Mhux li Mawmettu jmisslek qalbek u jħallsek tal-qalb tajba tiegħek"

"Il-Għarab huma msemmija għal imġibithom," raġgħet qalet l-Ispanjola bi tbissima l-iżjed ħelwa, "iżda jiena u la jien sultana tal-ward, u la jien rsira u lanqas irrid li ħadd igħaddili kelma ma' Mawmettu. Imxi warajja, sur kavalier, ħalli nwasslek il-kan tal-Għarab."

Ħafifa ħafifa mxiet quddiem il-Benseraġ, wasslitu sal-bieb tal-kan, urithielu b'idejha, għaddiet minn wara l-palazz u għabet......

*

Ben-Ħamet ma kienx iżjed la hieni u lanqas imdejjaq biżżejjed biex iduq sewwa l-ħlewwa tal-ħemda: kien għaddej minn dawn in-naħiet kollhom seher b'moħħu mxerred u b'qalbu bierda. Miexi bla ma jaf għalfejn, kien għaddej minn mogħdija siġar li kienet iddur mal-għolja ta' l-Albażin. Dar tar-raħal, imdawra bi ġnien tal-larinġ, iffaċċat f'daqqa waħda quddiem għajnejh: huwa u jersaq lejn il-ġnien, sama' l-ħoss ta' leħen u ta' kitarra. Fil-leħen, fis-sura u fil-ħarsa tal-mara hemm rabta li ma tqarraq qatt b'raġel li jkun iħobb. "Il-huri tiegħi!" qal Ben Ħamet; u qagħad jissamma' b'qalbu tħabbat: għall-isem tal-Abenserraġi, imsemmi iżjed minn darba, qalbu bdiet tħabbat iżjed bil-qawwi. Dik li hija kienet qegħda tgħanni kienet għanja kastellana li tgħid il-ġrajja tal-Abenserraġi, u taż-Żegri. Ben-Ħamet ma satax iżomm iżjed: jofroq qabda riħan u jiġri f'nofs ġemgħa tfajliet, li, imbażża', jaħarbu qalb it-twerżiq......

Dak in-nhar Don Rodrig kien għalaq sninu, u Blanka għamlet lil missierha *tertullia*, jew festa żgħira, f'din il-ħlewwa ta' lok għalih waħdu. Id-duka ta' Santa Fè stieden lil Ben-Ħamet biex joqgħod bil-qiegħda qalb dawk iż-żgħażagħ, li kienu jieħdu gost bit-turbant u bil-lbies ta' dak il-barrani. Ġiebu l-imħaded tal-bellus u l-Benserraġ qagħad fuqhom

kif joqogħdu l-Għarab. Saqsewh fuq pajjiżu u x'kien għadda minn għalih; hu weġibhom waħda f'waħda u b'wiċċ kollu hena. Kien jitkellem kastellan l-iżjed safi u kont taħsbu Spanjol li ma kienx idaħħal dejjem fi kliemu, kelma li hi użata biss man-nies ta' ġewwa jew mal-ħbieb tal-qalb. Din il-kelma kienet hekk iddoqq ħelu f'ħalqu li kienet twaġġa' qalb Blanka meta huwa kien ikun igħidha għal xi waħda minn sħabha.

Dehru ħafna qaddejja, ġiebu ċ-ċikkulata, pasti tal-frottijiet u l-ħbejżiet ħelwa ta' Malga, bojod bħas-silġ, kollha toqob u ħfief qishom sponoż. Wara li kielu xi ħadd talab lil Blanka li tiżfnilhom żifna milli taf hi, żifna minn dawk li bihom kienet tisboq lil l-aqwa żingara. Hi kellha toqgħod għat-talb ta' ħbiebha. Ben-Ħamet ma fetaħx fommu, iżda ħarstu tal-ħniena kienet titkellem flok xoftejh. Blanka għażlet tiżfen żambra, żifna mill-isbaħ li l-Ispanjoli kienu ħadu mill-Mori.

Waħda minn dawk iż-żgħażagħ bdiet iddoqq fuq il-kitarra t-tħannina ta' dik iż-żifna. Bint don Rodrig neħħiet il-velu u f'idejha bojod waħħlet par kastanjoli ta' l-ebbanu. Xuxitha sewda kienet taqa' nokkli nokkli fuq għonqha ta' l-alabastru ; ħalqha u għajnejha daħka waħda ; il-lewn ta' wiċċha mqanqal mit-taħbit ta' qalbha. F'daqqa waħda terġa' taħfen il-kastanjoli, tfaqqagħhom mat-temp għal tliet darbiet, tibda l-għanja taż-żambra, u, waqt li twaħħad leħenha mal-ħoss tal-kitarra, titlaq bħal berqa.

Mitt ħaġa jgħidulek il-passi ta' riġlejha! xi ħlewwa filqagħdiet ta' suritha! Issa tarfa' dirgħajha bl-ikbar ħeffa, issa tħallihom jaqgħu bi rtuba Tkun għadha tintafa' 'l quddiem bħalkieku mitlufa fil-hena xħin tarġa' lura mimlija bid-dwejjaq. Iddawwar rasha, qisha ssejjaħ lil min anqas biss ma jidher, bil-mistħija ħollha tressaq ħaddejha ħomor għall-bewsa tal-għarus, taħrab mistħija, tarġa' lura hienja u msabbra, tersaq b'pass sħiħ u bil-kemm mhux imqit, imbagħad iddurlek għal fuq il-ħaxix. Il-mixja u l-għanja tagħha u l-leħen tal-kitarra ħaġa waħda. Leħenha, xi ftit miksur, kien iqanqallek il-ġibdiet kollha sal-qiegħ ta' qalbek. Id-daqq ta' l-Ispanjoli, magħmul minn tnehid, ċaqliq ħafif, ilfiq u għana mwaqqaf f'daqqa, tistħajlu taħlita li qatt dehret ta' hena u swied il-qalb. Dan id-daqq u dan il-għana, lil l-aħħar Abenserraġ, qatgħuhielu għal dejjem: kienu biżżejjed biex iħawdu qalb inqas marida minn tiegħu.......

*

Ben Ħamet u Blanka, rashom qiegħda hemm: ma kinux jistennew ħaġ'oħra ħlief il-ħin li juru qlubhom lil xulxin

Kien, dak iż-żmien, l-isbaħ tas-sena. "Int għadek ma rajthiex l-Alhambra," qalet bint id-Duka ta' Santa Fè lill-Abenserraġ. Li kelli ngħid minn xi kliem li żelaqlek, niesek ġejja minn Granada. Nistħajjel li tixtieq iżżur il-Palazz tasslaten il-qodma tiegħek. Jiena stess il-lejla nurihulek.

Ben-Ħamet, ħalef fuq dinu, li lebda ħarġa ma kienet tista' ttih gost iżjed minn dik.

Malli wasal il-ħin għall-pellegrinaġġ għall-Alhambra, bint don Rodrig rikbet debba bajda, mdorrija tiġri fuq il-blat daqs għażżiela. Ben-Ħamet ixxierek mas-sbejħa Spanjola fuq żiemel andaluż, imlibbes la torka. Mal-ġiri ħafif taż-żagħżugħ għarbi, il-libsa ħamra kienet tittajjar u tintefaħ għal urajh, ix-xabla mgħawġa ċċekċek fuq is-sarġ għoli. u r-riħ itajjar il-pjuma tar-rix li kellu mehmuża mat-turbant. In-nies, imgħaxxqa b'din il-ħlewwa, huma u għaddejja, kienet tgħid: "Dan prinċep mislem, li donna Blanka sejra ġġib għal magħna.......

Wara ftit ħin ta' stagħġib u ta' ħemda, iż-żewġ maħbuba daħlu f'dan l-imkien fejn kienet taħkem is-setgħa mitmuma u l-hena mgħoddija. L-ewwel daru s-sala tal-Mesukar, qalb ir-riħa tal-fjuri u r-resħa ta' l-ilma. Imbagħad daħlu fil-bitħa tal-Ljuni. Ma' kull pass. Ben-Ħamet, qalbu iktar bdiet tħabbat. "Li ma kienx għax inti qiegħda timlieli qalbi bil-hena," qal lil Blanka, "b'liema wġigħ ta' qalb ma kienx ikolli nsaqsi lilek, li int Spanjola, il-ġrajja ta' din lgħamara! Ah! dawn l-imkejjen huma magħmula biex jilqgħu lil min hu hieni; imma jien..."

Ben-Ħamet lemaħ l-isem ta' Boabdil ingastat fil-mużajk. "Ja sultani," għajjat, "X'sar minnek? Fejn nista' nsibek fl-Alhambra tiegħek?" U d-dmugħ tal-fedeltà, tal-lealtà u tal-ġieħ imlew għajnejn iż-żagħżugħ għarbi. "Ir-rwajjes tagħkom tal-qedem," qalet Blanka, "jew aħjar is-slaten ta' missirijietek, kienu nies ta' bla qalb"—"B'daqshekk?" wieġeb l-Abenserraġ, "kienu xortihom ħażina!"......

"Ben-Ħamet," qalet bint id-duka ta' Santa Fè, "ħares sew lejn dik l-għajn: fiha ntefgħu l-irjus imbiċċra tal-Abenserraġi Fuq ir-rħam għahom jidhru t-tbajja' tad-demm ta' dawk l-imsejkna li Boabdil issagrifika għas-suspetti tiegħu. Hekk jimxu f'pajjiżek, ma' min jidħak bil-mara li temmen kollox."

Ben-Ħamet ma kienx qiegħed jismagħha iżjed; lil Blanka: kien tbaxxa jbus bil-qima it-tbajja' tad-demm ta' niesu. Imbagħad qam u għajjat :

"Blanka, naħliflek fuq demm dawk il-kavalieri li nħobbok u nibqa' nħobbok kif jafu jħobbu l-Abenserraġi."

# DAK IN-NHAR

*LIL OĦTI*

Ġrajja oħra nkitbet f'ħajtek, omm żagħżugħa,
Minn qalbek safja daqs kemm safja l-warda
Li tiftaħ fi ġnien Mejju.
Ġrajja oħra dak in-Nhar issawret minnek,
Tlaħħmet u twaħħdet ma' kull jum li jidħak
Jew jibki mgħajjeb fuq il-mewġ tal-Ħajja.

Kont ilek żmien, għad-dawl ta' lampa ċkejkna,
Taħdem u tħabrek. Bi tbissima f'fommok
Tara x-xogħol tiela', u tifraħ. Dak il-hena
Kien jixref ta' sikwit f'għajnejk u juri
It-tqanqiliet ta' ruħek,
Ta' ruħ li qatt ma rat dell ta' mibegħda.

Inti kont taf li Min iqis il-ħajja
Tal-kotra tal-bnedmin u b'għerfu jliġġem
Il-ħarba tas-snin twal, kellu merfugħa
Għalik, ja omm żagħżugħa,
Ġrajja ħanina li ser tferraħ darek.
Inti kont taf, u tamtek kienet kbira.
u l-ħrara li ssir omm ma kinetx fqira.

Kien qed ibexbex dak in-Nhar: fis-saltna
Ta' ħajta dlam u oħra dawl id-dinja
Kienet għadha mostura; r-riħ minn barra
Kien qed iselliem b'għanja lir-rebbiegħa.
F'kamartek ħiemda kien hemm dwal bil-kotra;
Fuq wiċċek kellek sfura kiesħa kiesħa,
F'għajnejk ħarsa ta' biża',
Ħarsa li mtliet bid-dmugħ... 'ma x'inti tibża'?
Għax qed titriegħed, qalbek tħabbat qawwi?
Tibżax: minn ħabb, is-Sema jħobbu.
Wara l-imrar u x-xewk hemm ward u ħlewwa,
Hemm milja ta' ferħ kbir bla ħjiel ta' dnewwa.

Kien qed ibexbex dak in-Nhar: minn qalbek
Ħarġet f'lehġa ta' mħabba għajta maħnuqa.
Fuk wiċċek xtered ġmiel ta' daħka ħelwa,
Għajnejk tbissmu ferħana,
U d-dmugħ tal-hemm ġo ħarstek f'daqqa siket
Xħin għadda b'wiċċ il-ġid is-sħab tan-niket.

Ħaddant ma' sidrek l-ewwel darba f'ħajtek
Tarbija tiegħek, frott ta' mħabba safja;
Int, dak in-Nhar, ħassejt xi ħaġa tiġbdek,
Tqanqlek kollok kemm int u triegħed demmek,
U fraħt imħeġġa u bist lil dak l-Imwieled.
Ifraħ, omm twajba, b'dak il-ġmiel ta' tfajjel;
Ħares lejn wiċċu: l-għaxqa ħa minn wiċċek;
Ħares f'għajnejh: seher għajnejk siltulek;
Dak l'inti tlabt u xtaqt, Alla tahulek.

ĠUŻE CHETCUTI.

# IS-SABIĦ U L-IKRAĦ

Sabiħa l-arja li tagħtina l-ħajja;
sabiħ id-dawl u sbieħ l-ilħna u l-ilwien;
sabiħ in-nar, u l-ilma; sbieħ il-qtajja'
ta' tjur u dbejjeb jiġru kullimkien.

Sabiħa d-dinja bin-niżliet u t-tlajja'
b'dehriet jitbiddlu dejjem tul iż-żmien;
tal-baħar u ta' l-art sabiħa l-ġrajja;
sabiħa x-xemx, sultana tal-ħolqien!

Iżda fuq kollox l-isbaħ jibqa' l-bniedem
li ġie maħluq bi xbieha tal-Mulej,
Li żejnu b'għerf u b'għaqal kif imiss.

Sabiħa dik li dejjem ma jafx x'ġej;
sabiħa t-tewba li tibagħtu niedem
quddiem id-Din. Il-kruha fil-mewt biss!

ERIN SERRACINO-INGLOTT

25-11-39

# Iż-żewġ Kokki

*(Ħrafa)*

Is Sultan Maħmud tal-Persja kien, tista' tgħid, igħaddi ħajtu dejjem fit-taqbid ma' ġnus oħra, u għalhekk ftit jew xejn jieħu ħsieb ta' min kien taħt it-treġija tiegħu: għalhekk il-Persja saret, f'qasir żmien, ħerba waħda u nofsha tbattlet min-nies, xebgħana mill-moħqrija tiegħu. Miegħu kellu ministru, la taf ċajtier u l-anqas ħajjen ħafna, li kien igħid li wieħed saħħar kien għallmu jifhem il-lsien ta' l-agħsafar u għalhekk malli xi għasfur kien jiftaħ ħalqu jgħanni jew ipespes dak l-imbierek ta' ministru kien igħid li fehem kull kelma li jkun qal.

Darba waħda, kif kien qiegħed idallam, is-sultan u l-ministru kienu ġejjin lura mill-kaċċa u xħin waslu ħdejn siġra lemħu żewġ kokki jiċċaċċraw flimkien. — "Għandi xewqa kbira nkun naf—qallu s-sultan—xinhuma jgħidu bejniethom dawk il-kokki: iftaħ widnejk sewwa u tennili kliemhom."

Il-Ministru resaq kemm sata' lejn is-siġra u għamel ta' bir-ruħu li qiegħed jissamma' x'qegħdin jgħidu—Wara ftit raġa' lura ħdejn is-Sultan u qallu: "Biex ingħidlek is-sewwa jien ma smajtx ħlief biċċa biss mit-taħdita tagħhom, iżda ma għandix ħila ntennilek dak li qalu."

Is-Sultan wieġbu li ried jaf, kelma b'kelma, kull ma qalu l-kokki.

"La darba int, ja Sidi, trid taf x'qalu sewwa, ismagħni. Għandek tkun taf, immela, illi waħda mill-kokki għandha iben u l-oħra għandha bint u qegħdin jiftiehmu bejniethom biex jaraw iżewġuhom. Omm it-tifel qalet lill-kokka l-oħra —skond ma fhimt jien: Bil-qalb kollha nħalli 'l ibni jieħu b'martu lil bintek, kemm-il-darba, iżda, inti ittiha bħala dota ħamsin raħal imġarraf.

"Fis qabżet l-kokka l-oħra u weġbitu: Mhux ħamsin intiha iżda ħames mija, jekk int jogħġbok. Il-Mulej jagħti s-saħħa s-Sultan Maħmud għax sa kemm huwa jibqa' jsaltan aħna qatt ma jonqsuna rħula mħarbta."

Is-sultan malajr tegħmu dak il-kliem u l-ħrafa tgħid li minn dak il-jum heda mit-taqbid, raġa' talla' mill-ġdid ir-rħula li kien ġarraf u beda jaħseb għall-ġid ta' dawk li fuqhom kien jakem.

Mic-Dek.

# Lill-Ħabib tiegħi Pi...Di...

*(Mill-ktieb tat-tifkiriet)*

Mingħajr ma nbixtek qatt għamilt għalija
U bil-pinna niggist bla ħajr, bla ħniena:
inżilt għal kliem li jħammar bil-mistħija
ma ngħidx wiċċ it-tajbin, 'ma wiċċ il-ħżiena.

Infart, għaliex flok kelma barranija
ħarġitli kelma tagħna,—u ma kontx jiena
li ħlaqt il-kelma,—jekk dik kienet ħtija
kienet ħtija qadima u għamlet żmienha.

Jien naf min int: mill-ħsieb maħtuf, mill-kliem
qabbieżi, tixref, qisha minn ritratt
xbiħitek, darba hienja, il-lum bla sliem.

Iżda xejn tibża': jekk int ismi rfistu,
jiena naħfirlek hawn quddiem kulħadd
kif għandu jagħmel Saċerdot ta' KRISTU.

DUN KARM

# Il-Għanja tal-Lsien Malti

*(Mill-ktieb tat-tifkiriet)*

X'jimpurtani 'khux feniċju,
jekk hux għarbi jew latin,
jekk hux aħrax, jekk hux ħelu,
dan il-lsien tagħna l-Maltin.

Hu xin hu, dan Alla tana—
il-muftieħ tal-qalb u l-ħsieb,—
bih nitolbu Ħajr is-Sema,
bih nitkellmu ma' l-iħbieb.

Tgħallimnieh fuq sider omnna,
kiber magħna fl-ewwel snin,
sħiq intiseġ ma' ġrajjietna
fl-isbaħ ħolma tal-għoxrin:

min ilumni, mmela, lili,
jekk inħobb lil dan ilsien,
li ta' ħajti jaf il-bini
sa mit-tefgħa tas-sisien?

Malti! oh Malti! int biss ilsieni,
l-ilsna l-oħra barranin:
int tagħżilna mill-ġnus l-oħra,
bik tingħaraf il-Maltin.

Bosta drabi, qalb il-ġewġa
ta' bliet kbar li mort inżur,
waqt li ħsiebi kien imsaħħar
fuq il-ġmiel hemmhekk miġbur,

smajt imlissna l-kelma tiegħek,
u jien dort bla telf ta' żmien,
għax għaraft li kienu ħuti
dawk li tkellmu b'dak ilsien;

u mal-kelma ntisġet f'moħħi
xbieha ħelwa, kollha dawl,
int, ja Malta, l-Art Ħanina,
l-Art imbierka minn San Pawl;

u minn hemm, ħafif bħal berqa,
fuq it-triq taż-żmenijiet,
ġera ħsiebi, u smajtek tidwi
mat-taħbita tal-ġrajjiet:

għaliex inti bħal balluta
li ġol-blat tefgħet l-egħruq;
iħabbtuha silġ u rwiefen
ta' riħ isfel, ta' riħ fuq,

iżda dejjem tibqa' sħiħa,
għalkemm tinża' minn xi dliel,
u tistenna l-jum li targa'
ta' xuxitha turi l-ġmiel.

Għalhekk inti fost kemm ilsna
ġo widnejja jdoqqu sbieħ,
tibqa' dejjem l-egħżeż wieħed
sa ma f'qabri mmur nistrieħ.

April, 1932

DUN KARM

# Għajdut Malti

*(Issibu Għajdut ieħor fi* 'Il-Malti' *ta' Sett., Diċ., 1934, Ġunju, 1935, Sett., Diċ., 1937, Marzu, Diċ., 1938 u Sett. 1939)*

Ebda ħajt tal-kenn.
Sħaba daqs maktur.
Ir-rqad jagħmel il-ħmira.
Ir-raġel kif iddarrih u t-tifel kif trabbih.
Jalla s-sabar.
Min kellu jgħidlu!
Nagħsu ħafif
Qabad tarf ta' negozju.
Ma satax jaqbad tarf.
L-Avemarija ddoqq f'għajnejja.
Ma trejjaqx
Ma tafx ħliefu.
Qabbad difrejh.
Raqad bla sebbaħ.
Għandu r-riħ fil-qala.
Imħawda l-borma.
Sab is-sodda mifruxa.
Ta' buxwejka.
Tista' tixrob bis-saħħa (ta')
Zgħir mill-koċċ.
(Kien) sejf u tarka għalih.
Refagħlu ġieħu.
Għal darba !...
Ma narax is-siegħa.
Jaħmi minn taħt.
Ħadha mqieta.
Għamel is-setet.
Ma ssibx tarfu.
Il-qixx u l-mixx.
Jarmi l-għaks.
Għaġna waħda ! (xorta waħda !)
Kull waħda bi tnejn.
Donnu x-xitan iz-zopp.
Jittiekel għal sħabu.
Għan palata.
Demmu demm il-baqq.
Fuq tiegħu.
Fgat f'demmu.
(Donnu) Ġaħan b'uliedu.
Fejn hi rasek.
Ħalli f'idejja.

Iżommha fuq wiċċ idejh.
Mess is-sema b'idu.
(Kellu) seba' mitt sena.
Għandu fid-demm (għal).
Iroxx id-dlam.
Ħudha kif tiġi.
Kemxa flus.
Kollox igħodd għalih.
Fittex isa!
Ġietu d-dinja tqila.
Il-ġmiel tagħha.
Serva ta' tapp.
Jiekol ħobż mimgħud.
Ħmar jitla' l-arblu.
Jaqbad daqs sangisug.
Qabdu fil-kelma (inqabad fil-kelma).
Nofs kedda.
Aqbad u qabbad
Rabatlu l-kitla.
Mimli bħal bajda.
Minn awl id-dinja.
Dawn x'barumbati huma!
"Forsi" raġel ħażin.
Għamillu qalbu daqs ġulġliena.
Ħadem bi snienu.
Tilef il-kelma.
Tiekol minn ġewwa.
Qam qawma fuq tiegħu.
F'ħalq il-lupu
It-temp fetaħ.
Ħafif mix-xogħol.
Ħadha bi kbira.
Intrefgħet l-art b'dil-bexxa xita.
L-ajru rabat bi rxiexa.
Maħnuq bin-nies.
Ħsibt u rajt.
La rawwam u la sawwam.
Moħħ ir-riħ.
Staqsi lill-imġarrab.
Għamel l-ilma jiżfen (lanqas jekk tagħmillu l-ilma jiżfen.)
Tilef il-qaleb u l-ġbejna.
Ħabba gods.
Mur ara x'ġej!
Donnu mummja,
Kuraġġ ta' sur.

M'aħniex ta' darba.
Daqqa bajda oħra sewda ż-żmien għaddej.
Ġimgħa bla ġimgħa.
Moħħu żurżieqa.
Kif tarani pinġini.
Baħar ta' mrar.
Mietu ras fuq ras.
Bil-"kif".
Hemm aħna.
Kixef il-karti.
Dik hi l-għarusa.
Draha l-għanja.
Bħall-bramel tas-sienja.
Inħoss rasi daqs qartalla.
Id f'id.
Jiġbed għalih.
Ħareġ jiġri daqs balla ta' kanun.
Jaqla' fuq wiċċu u jkanta vittorja.

Abjad karti, lift.
Aħdar ħaxix.
Aħmar nar.
Artab ħaxu.
Bnazzi żejt.
Dritt xemgħa.
Ħafif rix.
Ħelu zokkor.
Iblah karnival, ħsara.
Ifuh misk.
Ikrah dagħa.
Isfar lellux.
Iswed faħam, borma.
Kiesaħ silġ.
Marid mejjet.
Mgħawweġ ganċ.
Mielaħ tosku.
Morr velenu.
Nadif xummiema.
Oħxon katuba.
Rqiq sifja.
Sħun banju.
Tqil ċomb.

# Kotba ġodda bil-Malti

*miktubin bl-ortografija tal-*Għaqda

Xtaqna stajna nkomplu nsemmu u nġibu xi ħaġa fuq kull wieħed mill-kotba bil-Malti maħruġa bl-ortografija tagħna kif konna bdejna nagħmlu u hekk ikollna lista sħiħa ta' dawn il-kotba, iżda jkollna nistqarru b'wiċċna minn quddiem li tlifna l-linja. L-ewwelnett, u dan ngħiduh b'ferħ kbir tagħna, għaliex il-għadd ta' dawn il-kotba sar kbir ħafna u mbagħad—u din hi l-aqwa raġuni—għax mhux kulħadd jibagħtilna kopja—jew, għall-inqas, jibgħat biss igħarrafna bil-ktieb li jkun stampa bl-ortografija tagħna. Fost dawk li nbagħtitilna kopja jew li ġew f'idejna nsemmu:

1. *Il-Kotba tal-Paralipomni*, maqlubin mil-Lhudi u mfissrin minn P.P. Saydon. Dan huwa l-Għaxar ktieb ta' "Il-Kotba Mqaddsa bil-Malti" li l-Professur Dr. Dun P. P. Saydon kien beda joħroġ fl-1929. Fuq il-qlib tiegħu ma hemmx bżonn nitkellmu ħafna. Il-kelma ta' Dr. Saydon hi magħrufa u r-reqqa tiegħu, l-iżjed fit-traduzzjoni tal-Bibbja, ma tħalli xejn x'wieħed jixtieq. Il-ktieb li fih fuq il-100 faċċata hu stampat tajjeb bħal sħabu l-oħra fl-Empire Press.

2. *Il-Ġmiel ta' Ġisimna* minn Ġużè Bonnici M.D., B.Sc. Dan huwa l-ewwel wieħed fost il-kotba msejħa "Ġabra ta' Tagħlim" li bi ħsiebu joħroġ it-Tabib Ġużè Bonnici. Ktieb ta' format kbir ta' ma' dwar 160 faċċata illustrat tajjeb b'figuri u stampi oħra tal-ġisem tal-bniedem, miktub, tajjeb ħafna u fih tagħlim meħtieġ. Mitbugħ fit-"Times of Malta" Progress Press.

3. *San Ġwann* tat-Tabib Gużê Galea. Dan huwa l-ħames ktieb tal-"Ġabra ta' Kitba Maltija" li qiegħed joħroġ it-Tabib Bonnici. Kellna għalfejn insemmu, kemm-il-darba din il-Ġabra u faħħarnieha kif kien jistħoqqilha, bħalma faħħarna l-erba' kotba li s'issa ħarġu fiha. Dan il-ħames wieħed xejn ma jagħmel għajb lil ta' qablu. Il-kitba tat-Tabib Galea nafuha, l-iżjed, fir-romanz l-ieħor *Żmien l-Ispanjoli* li kien ħa t-tieni premju fil-konkors tal-Gvern (1937).

Dan ta' l-aħħar jitħaddet fuq żmien iżjed lejna u qiegħed mibni ma' dwar il-bini tal-Knisja ta' San Ġwann u jfakkarna f'għamil wieħed min-nies kbar maltin li qatt ma għandna ninsew: Ġlormu Cassar. Dan il-ktieb hu stampat fl-istamperija l-ġdida "Excelsior" imwaqqfa, nistgħu ngħidu, biex tmexxi l-kitba tajba Maltija. Fih 136 faċċata stampati ċari u sabiħ ħafna.

4. *Il-Għana ta' Dun Karm.* L-ewwel ktieb ta' Ġabra oħra maħruġa mit-Tabib Bonnici. Din hi "Ġabra ta' poeżija". Ma għandniex xi ngħidu, il-bidu ma satax ma kienx ġabra tal-poeżijiet ta' Dun Karm Psaila; din sa tkun imqassma f'erba' kotba, dan l-ewwel wieħed jismu "X'ħabb u x'ħaseb il-Poeta" Ma nistgħux, għax ma għandniex żmien u wisa', nitkellmu fit-tul fuqhom iżda nafu li kulħadd jaf x'jiswa u x'sewa għall-poeżija Maltija Dun Karm. Irridu hawn infaħħru wkoll lit-tabib Bonnici għal dawn il-ġabriet ta' kotba bil-Malti li ħa fuq spallejh biex joħroġ u li f'din il-ħarġa kellna għalfejn insemmu wieħed minn kull waħda mit-tliet ġabriet: Ġabra ta' Kitba Maltija, Ġabra ta' Tagħlim u Ġabra ta' Poeżija.

5. *alla taż-żgħażagħ jew siltiet ta' kritika.* Din hi ġabra ta' kitba ta' kritika letterarja magħżula minn dik li kiteb Karmenu Vassallo, magħruf bħala l-awtur tan-*Nirien.* Fih studji sbieħ ta' kritika letterarja u fih ukoll x'jaħsbu u x'kitbu fuq dan il-kittieb kittieba oħra magħrufa u fuqu nsibu poeżija ta' Nikol Biancardi, artikolu maqlub mill-franċiż ta' Laurent Ropa u erba' kelmiet mit-Tabib G. Galea. Dan il-ktieb, ta' ma dwar il-100 faċċata, hu stampat tajjeb għand G. Muscat.

6. *Kollezzjoni "Żminijietna."* Ma' tul din is-sena ħarġet it-tieni sena ta' din il-Kollezjoni miktuba minn P. Alb. Busuttil S.J. Kienet magħmula minn: It-Traġedja Spanjola; l-Ewkaristija u Żminijietna; il-Mediterran, u il-Messaġġ ta' Piju XII, kollha kotba ta' tagħlim liema bħalu u jmissu kustjonijiet tassew ta' żminijietna. Patri Busuttil issa qiegħed jaħseb għat-tielet sena. Nittamaw li tkunlu suċċess bħas-snin l-oħra ta' qabilha.

# WERREJ

## TAL-ĦMISTAX-IL SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| Il-Ħsieb u l-Kelma . . . . . . | | 3 |
| Vokalizzazzjoni tal-Verbi Maltin . . | A.C. | 5-47-64 |
| *Otia Æstiva* . . . . . . . | Dun Karm | 9 |
| 'L hawn u 'l hinn fuq il-Grammatka Maltija | A. Cremona | 19 |
| F'Waqtiet filgħaxija . . . . . | Marju Agius | 22 |
| Taħdita bejn tnejn fejn jitkellem wieħed | A. F. R. | 23 |
| Jixraq li wieħed ikun jaf . . . . . | | 25 |
| Anton Manwel Caruana . . . . . | G. Galea | 29 |
| Il-Għanja ta' l-Imħabba . . . . . | Dun Karm | 38 |
| Indiema ta' Żminijietna . . . . . | A. G. Formosa | 39 |
| Etimoloġija . . . . . . . | A. C. u A. N. | 51 |
| Biblijografija . . . . . . . | | 52-98 |
| Barranin f'pajjiżhom . . . . . | | 53 |
| Heros . . . . . . . . | Dun Karm | 55 |
| Il-Fjuretti ta' S. Franġisk . . . | S. | 56 |
| Nocturne . . . . . . . | G. Chetcuti | 62 |
| Lil Malta . . . . . . . | Dun Karm | 67 |
| Il-Ħjena ta' Jussuf . . . . . | D. | 68 |
| Dizzjnnarju u kliem ġdid . . . | A. G. Said | 69 |
| Leħen il-Għaqal . . . . . . | C. M. D. | 72 |
| Innu ta' Ferħ . . . . . . . | Dun Karm | 73 |
| Għajdut Malti . . . . . . . | R. M. B. | 75-95 |
| Jalla l-Kotra u l-Ġabra . . . . | | 77 |
| 1921 . . . . . . . . | Dun Karm | 80 |
| Is-Saħħar Manfrè . . . . . | M. D. | 81 |
| Kennies . . . . . . . . | Dun Karm | 84 |
| L-aħħar nisel ta' l-Abenserraġi . . | S. | 85 |
| Dak in-nhar . . . . . . . | G. Chetcuti | 90 |
| Is-sabiħ u l-ikrah . . . . . . | E. Serracino-Inglott | 91 |
| Iż-żewġ Kokki . . . . . . . | Mic-Dek. | 92 |
| Lill-Ħabib tiegħi Pi...Di... . . . | D.K. | 93 |
| Il-għanja tal-Lsien Malti . . . | D.K. | 93 |
| Kotba ġodda . . . . . . . | S. | 98 |

Direttur : Mons. Dun KARM PSAILA

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, c/o "Empire Press" Valletta.

UNIVERSITY LIBRARY ★ MALTA